**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Mariella Borg

Vs

Carlos Scerri

CCT 183/20/MM

Illum, 23 ta' Novembru 2021

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fil-1 ta' Diċembru 2020 fejn talbet s-somma ta' ħames mitt Ewro (€ 500), rappreżentanti kumpens li r-rikorrenti tħoss li kienet intitolata għalih wara li ħassitha ingannata mill-intimat fir-rigward ta' prezz ta' materjal mixtri għal-libsa tagħha fejn allegatament ma kienx mixtri mill-Italja iżda minn ħanut lokali ossia JB Stores. Illi l-intimat intavola risposta fl-atti nhar is-7 ta' April 2021 *jikkontesta it-talbiet attriċi* bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-fatti tal-każ jirriżulta li l-ilment primarju tar-rikorrenti ma kienx eżattament il-prodott finali u ċioe l-libsa li ħietet hi mingħand l-intimat, fatt ikkonfermat mir-rikorrenti li l-libsa kienet kuntenta biha u għoġbitha, iżda limitatament għall-fatt li sussegwentement għall-konsenja ta' din il-libsa u l-użu tagħha mir-rikorrenti fl-okkażjoni speċifikament intiża għaliha, ir-rikorrenti skopriet li l-JB Stores għandu għall-bejgħ l-*istess drapp identitku* u allegatament l-intimat kien xtrah minn hemm.

Ikkunsidra

Illi mix-xhieda jirriżulta illi r-rikorrenti għamlet it-tfittxija tagħha neċessarja u rriżultalha sussegwenti għall-użu tal-libsa fl-okkażjoni speċjali tagħha li għall-ammont li hija ħallset

għall-materjal mingħand l-intimat u ċioe għall-prezz ta' Euro 716.25 u għall-ammont li allegatament sabitu mingħand il-JB Stores u ċioe għall-prezz ta' Euro 353.89, id-differenza kienet ta' Euro 362.36.

Illi madanakollu, it-Tribunal ma jistgħax ma jinnutax li ħlief għad-drapp li kien użat bħala bażi u ċioe tas-satin hemm kontestazzjoni assoluta li l-kumplament tal-materjal użat fosthom il-bizzilla huma identiċi, iżda biss simili għal dak użat *mill-intimat. Dan hu fatt* kruċjali għaliex ċertament wieħed ma jistax jagħmel paragun ġust billi jsib sostituzzjoni mingħajr ma jikkonsidra l-kwalita' tal-materjal użat.

Madankollu, stabbiliti dawn l-osservazzjonijiet, il-pern tal-kwistjoni tibqgħa li r-rikorrenti ħassitha ngannata meta hi qegħda tallega li l-intimat kiser dak pattwit bejneithom u ċioe li d-drapp ġie mixtri mingħand JB Stores minkejja li kien wegħda li ser jixtirh mill-Italja u ta' dan kienet disposta tħallas iżjed.

Illi r-rikorrenti naqset milli tipprova li d-drapp li allegatament huwa l-istess minn JB Stores kien effettivament dak użat għal-libsa tagħha madanakollu l-intimat, u dan limitatament għas-satin, ma ċaħadx li d-drapp kien l-istess. Illi dan it-Tribunal ma huwiex qiegħed jippretendi li r-rikorrenti tipproduċi xhieda minn JB Stores li stqarrew magħha informazzjoni b'mod kunfidenzjali. Min-naħa l-oħra l-intimat kellu f'idu l-aqwa prova izda ghazel li jipproduċi messenger chats sabiex jikkontradixxi dan il-fatt.

Illi dan it-Tribunal iqis li kien jinkombi fuq l-intimat li gjaladarba qieghad jirribatti l-allegazzjoni tar-rikorrenti, li jipprezenta l-ahjar prova, fatt li setgħa faċilment jottjenih bil-preżentata tar-riċevuta jew fattura u mhux sempliciment bil-messanger chats li m'humiex prova b'sahhitha. Illi fl-assenza ta' dan it-Tribunal ma jhossux komdu jistrieħ fuq dak li qiegħed isostni l-intimat, iktar u iktar meta l-pajjiż minn fejn kellu jinxtara d-drapp kien fattur materjali għall-patt tal-bejgħ. Illi huwa tajjeb li jiġi kjarifikat li s-sempliċi fatt innifsu li ħanut ieħor lokali kellu l-istess drapp tal-intimat ma kienetx ser taħdem kontra l-intimat, u dan minħabba li r-rikorrenti fl-ebda mument ma kienet imwegħda l-esklussivita', iżda biss in-nuqqas ta' prova li effettivament l-intimat verament xtara dak id-drapp mill-Italja kif huwa wiegħed lir-rikorrenti. Tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu li l-intimat stqatt li huwa minn dejjem kien lest li jirrifondi lir-rikorrenti id-differenza fil-prezz tas-satin.

Illi t-Tribunal għalhekk iqis li it-talba tar-rikorrenti hija ġustifikata limitatament għad-differenza fil-prezz tas-satin.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan l-avviż billi jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' Euro 165.27 b'dan illi l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Martha Mifsud LL.D.
Arbitru